MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 280/2015/1

**Memo International Limited**

**(C - 23974)**

**vs.**

**Lee Borg**

**(K.I. 258790 M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha wkoll datat it-18 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

   2.1. Akkoljiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti provizorjament;

   2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti ghar-risposta skont il-ligi;

   2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara foll 1 u 7);

3. Tirrileva li ghalkemm l-intimat gie finalment notifikat permezz tal-procedura ta' l-affissjoni, ghazel li ma jintavola l-ebda risposta skritta, (ara foll 60);

4. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti flimkien max-xhieda tar-rapprezentant ta' l-istess socjeta` li kkonferma l-kontenut ta' l-istess rikors promotur;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi tramite r-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

5.1. Illi l-mandat t'inibizzjoni in dizamina qieghed jintalab biex l-intimat jinzamm milli b'xi mod:

5.1.1. Jibqa` jaghmel uzu ta' stampi u ritratti proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti u tal-klijenti taghha, *inter alia* fis-sit elettroniku tal-intimat u f'ohrajn gestiti minnhu;

5.1.2. Jibqa` jaghmel uzu t'informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali li legalment u kuntrattwalment hu ghandu jzomm ghalih a bazi tas-sigriet professjonali u tal-kuntratt t'impieg li kellu mas-socjeta` rikorrenti;

5.1.3. Jiddesisti milli jaghmel kuntratt ma' klijenti tar-rikorrenti;

5.1.4. Jiddesisti milli jaghmel uzu tal-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti jew ta' *trademark* registrata bl-isem DIAMOND(E) MOTION, u li juza, jippublika u jxerred informazzjoni appartenenti lis-socjeta` rikorrenti li huma dokumenti interni u sensittivi;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi analizi tal-vertenza odjerna tirrileva sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna hi determinata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6.2. Illi l-iskop ta' l-istess procedura hu dak li jittutela lir-rikorrenti li jirrikorri lejn il-qrati biex permezz ta' l-istess izomm lill-persuna involuta milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista` tohloq pregudizzju u hsara lil dik il-parti li qeghda hekk tirrikorri ghat-tutela kurjali in dizamina;

6.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista` jinhareg skont il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa ir-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kap 12 fuq riferit, senjatament:

6.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet legittimament vantati;

6.3.2. Illi jrid jigi wkoll assodat li r-rikorrenti jrid ikollu ta' l-anqas id-drittijiet minnu pretizi f'livell *prima facie*;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi analizi tal-fatti riskontrati mill-atti processwali u wara s-smiegh appozitament stabbilit fir-rigward iwassal ghas-segwenti delineazzjoni sintetika tal-fatti:

7.1. Illi s-socjeta` rikorrenti sservi elettronikament lil diversi socjetajiet importanti billi taghtihom servizzi elettronici;

7.2. Illi dawn is-servizzi elettronici huma ta’ natura kummercjali sensittiva;

7.3. Illi l-intimat kien impjegat ta’ l-istess socjeta` rikorrenti;

7.4. Illi l-istess intimat, *nonostante* li kontrattwalment marbut bl-obbligi tal-kunfidenzjalita`, uza informazzjoni rizervata karpita mis-sit elettroniku tas-socjeta` rikorrenti u uzha ghal finijiet personali;

7.5. Illi dan l-uzu sar bi ksur ta’ l-imsemmi obbligu kuntrattwali tal-kunfidenzjalita`;

7.6. Illi *di piu*`, l-istess uzu holoq ferment mall-klijenti tas-socjeta` rikorrenti li konsegwenza ta’ l-istess hassew li ma kienux aktar adegwatament tutelati;

7.7. Illi ghalhekk, l-istess agir ta’ l-intimat kellu effett kummercjalment negattiv fuq l-operat tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku:

8.1. Illi l-operat ta’ l-intimat holoq pregudizzju kummercjali kontra s-socjeta` rikorrenti – ta’ l-anqas fil-livell *prima facie*;

8.2. Illi ghalhekk il-precett rikjest mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq citat jirrizulta assodat;

8.3. Illi ghalhekk ghandu jkun assodat li tali agir ta’ l-intimat hu sufficjenti biex id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti jattiraw it-tutela statutorja in dizamina fil-konfront ta’ l-agir ta’ l-intimat;

**DECIDE:**

9.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha ghat-tutela rikjesta skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

9.1. Tvarja d-digriet precedenti taghha datat it-18 ta’ Frar, 2005, *contrario imperio,* b’mod li issa l-mandat t’inibizzjoni *de quo* jinhareg b’mod permanenti;

9.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat Lee Borg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------